MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1694/2004

**KNK Air Conditioners Co Limited**

**vs**

**Ray Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm371.50) u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` attrici kienet bieghet u kkonsenjat air conditioner bl-accessorji tieghu lill-konvenut accettanti li fuqu ghad hemm pendenti l-bilanc imsemmi;**
**Illi ghalkemm debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' nadempjenti;**

**Ghaldaqstant il-konvenut qed jigi mharrek sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm371.50) rappresentanti bilanc fuq prezz ta' air conditioner u accessorji tieghu lilha mibjugha u kkonsenjati;**
**Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju, 2004, u l-ittra nterpellatorja tat-23 ta' April, 2004, u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm371.50) bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju, 2004.**

**L-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju, 2004, u l-ittra nterpellatorja tat-23 ta' April, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------